MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 180/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Patrick Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Gunju, 2004 u qabel din id-data, matul il-gurnata bhala direttur u persuna li ghandu ir-responsabbilita ta' l-istabbiliment bl-isem "Marineland Ltd, Leisure and Theme Park", sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq,**
**1) naqas milli jassigura s-sahha w is-sigurta' tal-persuni kollha li jistghu jigu effetwati bix-xoghol li jkun qed isir, u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-**

**mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskju jigi ridott kemm huwa ragonevolment prattiku;**
**2) naqas milli jobdi l-ordni ta' Ufficjal tal-Awtorita' tas-Sahha w Sigurta' fuq il-post tax-xoghol, liema ordni nhargitlu bil-miktub fil-15 ta' Dicembru, 2003 u kkonfermata bil-miktub ukoll fit-18 ta' Frar, 2004 u fejn huwa gie ordnat li (i) jaghmel jew li jizgura li jappunta persuna kompetenti biex taghmillu, evalwazzjoni xierqa w sufficienti tar-riskji tal-attivitajiet tax-xoghol li jkunu qeghdin isiru ghalih, (ii) li jappunta persuna li taghti l-ewwel ghajnuna, (iii) li jipprovdi lqugh ahjar mal-vaska tad-dniefel biex ma jhalliex terzi persuni w impjegati jaqghu fl-istess vaska w (iv) biex jipprovdi kopja tal-pjan ta' emergenza applikabbli f'kaz ta' xi incident;**
**3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas ukoll li jaghmel, jew li jizgura li jsir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti w sistematika tal-perikli ghas-sahha w is-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol, cioe' l-post imsemmi hawn fuq u dan ai termini tal-artikoli 6(1) & 17(1) tal-Att XXVII tal-2000 Kap. 424 u l-A.L. 36 tal-2003 art. 10(1).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Mejju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 6(1), 17(1) tal-Att XXVII tal-2000 Kapitolu 424, u l-Avviz Legali 35 tal-2003 Art. 10(1), sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti w ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata fejn l-esponenti gie misjub hati tal-akkuzi w hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni w x-xhieda fl-udjenza tat-22 ta' Settembru,2005;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi meta l-Qorti giet biex taghti s-sentenza, osservat li mill-ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti indikat Avviz Legali bin-numru zbaljat meta ccitat l-artikoli tal-ligi li tahthom sabet htija fl-appellant . Di fatti jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x'aktarx bi zvista – indikat l-Avviz Legali 35 tas-sena 2003 minnflok l-Avviz Legali 36 tal-istess sena li hu l-Avviz Legali rilevanti.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia" **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat" **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia" **[24.4.2002],** "Il-Pulizija vs. Mark Portanier" **[14.9.2004];** "Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] u ohrajn).**

**Dan in-nuqqas fis-sentenza appellata certament jirrendiha nulla ghaliex ovvjament minkejja li r-regolament citat jidher korrett kieku kien abbinat mal-Avviz Legali korrett, gie indikat li hu regolament t' Avviz Legali iehor. Illi l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**" [3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**" [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------